

Brussell, 23 ta' Mejju 2025
(OR. en)

9288/25

ESPACE 40
PROCIV 58
IPCR 37

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	23 ta' Mejju 2025
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	8343/25
Suġġett:	L-użu ta' data satellitari, b'mod partikolari minn kostellazzjonijiet ta' Osservazzjoni tad-Dinja, għall-protezzjoni ċivili u l-maniġġar ta' kriżijiet - Konklużjonijiet tal-Kunsill (23 ta' Mejju 2025)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar *L-Użu ta' data satellitari, b'mod partikolari minn kostellazzjonijiet ta' Osservazzjoni tad-Dinja, għall-protezzjoni ċivili u l-maniġġar ta' kriżijiet*, approvati mill-Kunsill fl-4097 laqgħa tiegħu li saret fit-23 ta' Mejju 2025.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR L-UŻU TA' DATA SATELLITARI, B'MOD
PARTIKOLARI MINN KOSTELLAZZJONIJIET TA' OSSERVAZZJONI TAD-DINJA,
GĦALL-PROTEZZJONI ĊIVILI U L-MANIĠĠAR TA' KRIŻIJIET**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

FILWAQT LI JFAKKAR

- A. Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-28 ta' Mejju 2021 dwar "Spazju Ġdid għall-Persuni"¹, li rrikonnoxxew l-oportunitajiet ġodda li nħolqu bid-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà ta' data b'riżoluzzjoni għolja biex titrawwem il-konverġenza tal-osservazzjoni tad-dinja u tal-intelliġenza artifiċjali (IA) biex jitwasslu aħjar soluzzjonijiet lil utenti mhux tekniċi u b'hekk jiġu pprovduti benefiċċji għaċ-ċittadini Ewropej;
- B. Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2022 dwar "Copernicus sal-2035"², li ssottolinjaw l-importanza tad-data ta' osservazzjoni tad-dinja bħala assi kritiku fl-appoġġ għas-sigurtà, l-awtonomija u r-reżiljenza tal-UE, filwaqt li rrikonnoxxew l-isfidi ambjentali ġodda u saħqu fuq l-importanza li jiġu inklużi t-teknoloġiji diġitali ġodda fis-servizzi u l-kapaċitajiet tas-sigurtà fl-ispazju, inkluż l-IA, u li kkonfermaw li Copernicus huwa programm ċivili, operazzjonali u ffukat fuq l-utent, immexxi mill-UE, ibbażat fuq politika dwar id-data miftuħa, li jappoġġa l-Patt Ekoloġiku, it-tranżizzjoni diġitali u s-sigurtà ċivili;
- C. Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2023 dwar "Strateġija spazjali tal-UE għas-sigurtà u d-difiża"³, li saħqu fuq il-ħtieġa li jissaħħaħ l-użu tal-ispazju għall-finijiet ta' sigurtà u difiża billi d-dimensjoni spazjali tiġi integrata aħjar f'oqsma oħra, u laqgħu l-valutazzjoni tal-opzjonijiet biex jiġi żviluppat servizz governattiv potenzjali ġdid tal-UE għall-osservazzjoni tad-dinja li jikkomplementa l-kapaċitajiet eżistenti u ppjanati, jirrispondi għall-ħtiġijiet identifikati, u jqis l-inizjattivi eżistenti;

¹ 8956/21.
² 10070/22.
³ 14512/23.

- D. Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2024 dwar "it-tisħiħ tal-kompetittività tal-Ewropa permezz tal-ispazju"⁴, li enfasizzaw l-importanza dejjem tikber tal-ispazju f'hafla sfidi u politiki soċjoekonomiċi, inkluż il-ġbir ta' data biex jiġi mifhum aħjar it-tibdil fil-klima u jsiru tħejjijiet għalih;
- E. Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-29 ta' Novembru 2024 dwar "l-evalwazzjoni interim tal-Programm Spazjali tal-Unjoni Ewropea"⁵ li enfasizzaw il-ħtieġa li jiġi indirizzat it-theddid dejjem akbar għas-sikurezza u r-reżiljenza tal-infrastruttura li tappoġġa lil servizzi kritiċi tal-UE, fosthom assi bbażati fl-ispazju, fid-dawl tar-riskji li qed jiżdiedu, inkluż dawk relatati maċ-ċibersigurtà;

I. Introduzzjoni

1. JIRRIKONOXXI l-iżvilupp dinamiku tat-teknoloġiji tal-ispazju, b'mod partikolari l-kostellazzjonijiet ta' osservazzjoni tad-dinja, u JIRRIKONOXXI l-potenzjal sinifikanti ta' użu koordinat tad-data u s-servizzi satellitari biex tiżdied ir-reżiljenza; dawn id-data u servizzi jistgħu jagħtu aktar appoġġ kritiku lill-Istati Membri u lir-risponsi fil-livell tal-Unjoni biex jissaħħu l-oqfsa għall-maniġġar ta' kriżijiet, tittejjeb is-sikurezza taċ-ċittadini, u jiġi antiċipat u indirizzat it-theddid kemm naturali kif ukoll dak ikkaġunat mill-bniedem; IFAKKAR, f'dan ir-rigward, fil-ħtieġa li jiġu rispettati bis-sħiħ kemm il-kompetenzi tal-Istati Membri, inkluż fis-sigurtà u d-difiża nazzjonali, kif ukoll id-deċiżjoni sovrana tagħhom li jaqsmu data spazjali sensittiva;
2. JIRRIKONOXXI l-programmi u l-istrumenti eżistenti li jappoġġaw il-maniġġar ta' kriżijiet u l-protezzjoni ċivili, fosthom is-servizzi ta' Copernicus, u JAPPOĠĠA l-iżvilupp ulterjuri tagħhom; JIRRIKONOXXI li filwaqt li l-intelliġenza artifiċjali (IA) fl-osservazzjoni tad-dinja qed tavvanza b'mod rapidu, il-kapaċitajiet tagħha għadhom mhumieq distribwiti b'mod uniformi fis-setturi kollha, u l-għarfien espert tal-bniedem għadu kritiku għall-ipproċessar minn qabel, il-validazzjoni u t-teħid tad-deċiżjonijiet;

⁴ 10142/24.

⁵ 16128/24.

3. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li tiżdied il-kooperazzjoni fost l-Istati Membri u mal-UE u li jiġu sfruttati l-kapaċitajiet eżistenti jew ippjanati, fosthom l-infrastrutturi u l-proġetti nazzjonali, li tintuża data kummerċjali, u li eventwalment jiġu żviluppati soluzzjonijiet ġodda, kull fejn ikun xieraq, għall-ġbir, l-ipproċessar, l-analiżi, l-iskambju u d-distribuzzjoni effiċjenti tad-data satellitari mis-satelliti kollha disponibbli, kemm dawk pubbliċi kif ukoll privati, b'mod partikolari s-satelliti għall-osservazzjoni tad-dinja, bħas-satelliti Copernicus, fid-dawl tal-isfidi dejjem aktar kumplessi kkawżati mit-tibdil fil-klima, id-diżastri naturali, u l-kriżijiet ikkaġunati mill-bniedem u umanitarji, inkluż il-migrazzjoni, li għandhom impatt fuq l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ewropa u lil hinn minnha;
4. JENFASIZZA l-importanza li tiġi applikata l-IA, li diġà ttejjeb l-identifikazzjoni tat-theddid, it-tbassir tat-theddid u l-monitoraġġ ta' avvenimenti ta' kriżi f'ħin reali, u b'hekk tikkontribwixxi għar-reżiljenza u l-preparatezza tal-Ewropa; JIRRIKONOXXI l-ħtieġa għal tisħiħ tal-kapaċitajiet, għal tixrid wiesa' tad-data ta' osservazzjoni tad-dinja għall-maniġġar territorjali u ta' kriżijiet, u għal għodod li jippermettu użu aktar effiċjenti mill-utenti billi jitnaqqsu l-ostakli tekniċi u l-kumplessità, inkluż bl-użu tal-IA biex jittejjeb it-teħid tad-deċiżjonijiet u jiġi ffaċilitat l-għarfien tas-sitwazzjoni f'ħin reali f'xenarji ta' rispons għall-kriżijiet; u JILQA' TAJJEB f'dan ir-rigward il-ħidma mwettqa fl-Ekosistema tal-Ispazju tad-Data ta' Copernicus;

II. Il-benefiċċji ta' użu koordinat tad-data satellitari għar-reżiljenza u l-preparatezza

5. JIRRIKONOXXI li aċċess koordinat u kważi f'ħin reali għad-data satellitari, inkluż data satellitari b'riżoluzzjoni għolja, ikkalibrata għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' avvenimenti li jistgħu jkunu theddida, jippermetti lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jirrispondu b'aktar rapidità għal sitwazzjonijiet ta' kriżi, bħal diżastri naturali, perikli ambjentali, u theddid għas-saħħa pubblika; l-iżvilupp ta' sistemi spazjali li għaddej bħalissa u dak li għadu ġej, b'mod partikolari ta' Copernicus u tal-kostellazzjonijiet tal-Istati Membri u kummerċjali ta' osservazzjoni tad-dinja fl-Ewropa, jirrappreżenta opportunità biex ikomplu jiġu kkoordinati l-attivitajiet, titnaqqas il-latenza u tiġi integrata d-data minn diversi Stazzjonijiet Pjattaforma f'Altitudni Għolja, blalen atmosferiċi li jitħallew fit-tul, droni u satelliti, u dan jirriżulta f'forniment rapidu ta' informazzjoni operazzjonali u ħin iqsar bejn iż-żjarat, li huma essenzjali għal twissija bikrija u rispons għall-emerġenzi f'każijiet ta' nirien kbar fis-selvaġġ, għargħar u terremoti;

6. JINNOTA li l-monitoraġġ ambjentali sistematiku appoġġat mill-ispazju jippermetti t-tbassir, l-identifikazzjoni bikrija u l-valutazzjoni tal-perikli u tar-riskji ambjentali, inkluż f'żoni sensittivi għat-tibdil fil-klima jew id-diżastri naturali, li jtejbju b'mod dirett il-protezzjoni taċ-ċittadini u s-salvagwardja tal-infrastruttura kritika u r-riżorsi u l-assi ekonomiċi;
7. JIRRIKONNOXXI s-sinifikat, kif ukoll il-potenzjal mhux sfruttat biżżejjed, tad-data satellitari fl-identifikazzjoni u t-traċċar tar-riskji, inkluż il-ħsara ekonomika potenzjali, it-tniġġis ambjentali, il-perikli naturali fosthom l-għargħar u n-nirien fis-selvaġġ, id-degradazzjoni tal-art, tal-foresti u r-riżorsi naturali, il-flussi migratorji irregolari, il-kwistjonijiet marbuta mas-saħħa pubblika u fenomeni oħra li jaffettwaw il-kwalità tal-ħajja fl-Unjoni; JISSOTTOLINJA li aġġornamenti regolari u preċiżi dwar il-bidliet ambjentali jappoġġaw lill-miżuri preventivi, filwaqt li jiżguraw li l-Istati Membri jkunu mħejjija aħjar biex jiproteġu l-benesseri taċ-ċittadini fil-livelli lokali u reġjonali, u JILQA' TAJJEB ir-rwol abilitanti kruċjali tal-komponent Copernicus tal-programm spazjali tal-UE, bħala sistema ta' osservazzjoni tad-dinja taħt kontroll ċivili, għall-monitoraġġ u s-sikurezza ambjentali globali, inkluż il-ġestjoni tad-diżastri; JENFASIZZA l-importanza ta' sinerġiji ma' inizjattivi spazjali oħra tal-UE f'dak ir-rigward, fosthom il-komponenti tal-Programm Spazjali tal-UE, il-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura, l-inizjattiva Destinazzjoni d-Dinja u proġetti b'użu doppju, bħas-servizz governattiv futur potenzjali ta' osservazzjoni tad-dinja; JIEĦU NOTA tal-programmi rilevanti tal-Aġenzija Spazjali Ewropea, fosthom dawk li jappoġġaw il-maniġġar ta' kriżijiet, il-monitoraġġ ambjentali, u l-kapaċitajiet avvanzati ta' osservazzjoni tad-dinja; JIRRIKONNOXXI l-kapaċitajiet eżistenti ta' kostellazzjonijiet kummerċjali; u JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu evitati duplikazzjonijiet u li tiġi żgurata komplementarjetà sħiħa biex ikomplu jissaħħu r-reżiljenza u l-preparatezza tal-Ewropa;
8. JISĦAQ li l-ġestjoni koordinata tad-data spazjali teħtieġ u trawwem il-kooperazzjoni irrispettivament mill-fruntieri u fost diversi atturi fil-livelli tal-Unjoni u tal-Istati Membri, li tippermetti appoġġ reċiproku u solidarjetà b'rispons għall-kriżijiet ta' dimensjoni Ewropea u globali, b'mod partikolari dawk li jinvolvu theddid komuni kemm naturali kif ukoll ikkaġunat mill-bniedem;

9. JINNOTA l-appoġġ mogħti mis-Servizz ta' Sigurtà ta' Copernicus lill-utenti tas-settur tas-sigurtà b'kapaċitajiet operazzjonali fil-qasam tas-sorveljanza tal-fruntieri, is-sorveljanza marittima, u l-appoġġ għall-azzjonijiet esterni u ta' sigurtà tal-UE, kif ukoll l-appoġġ mogħti mis-Servizz ta' Ġestjoni tal-Emerġenzi ta' Copernicus lill-utenti tas-settur tas-sigurtà ċivili u lill-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili; u JIEĦU NOTA tas-servizzi kummerċjali eżistenti kważi f'ħin reali għas-sigurtà;

III. L-użu tal-IA fl-analiżi tad-data satellitari għar-reżiljenza u l-preparatezza

10. JIRRIKONOXXI li l-IA għandha rwol dejjem aktar essenzjali fl-ipproċessar u l-analiżi rapidi ta' settijiet kbar ta' data minn osservazzjonijiet satellitari, li jippermettu l-klassifikazzjoni awtomatizzata ta' żoni friskju u l-identifikazzjoni ta' xejriet u anomaliji, kif ukoll li l-integrazzjoni tad-data satellitari u supplimentari, b'mod partikolari immaġnijiet miksuba minn Stazzjonijiet Pjattaforma f'Altitudni Għolja jew minn droni, ittejjeb b'mod sinifikanti l-valur operazzjonali tal-informazzjoni li tirriżulta; JINNOTA li l-applikazzjonijiet tal-IA jikkontribwixxu għal proċessi aktar veloċi ta' teħid tad-deċiżjonijiet u għal allokkazzjoni aktar effettiva tar-riżorsi, li huma kruċjali f'xenarji ta' kriżi b'riskji kbar;
11. JENFASIZZA l-importanza tal-algoritmi tat-tagħlim awtomatiku u tat-Tewmin Diġitali fit-tbassir ta' kriżijiet potenzjali, bħall-għargħar, in-nirien, in-nixfiet u l-flussi migratorji, kif ukoll kriżijiet b'diversi perikli u dawk tat-tip kaskata, hekk kif l-analiżi mill-IA tad-data satellitari storika u tax-xejriet fit-tul qed ittejjeb il-kapaċità ta' tbassir u mmudellar tal-kriżijiet antiċipati li jistgħu jaffettwaw is-sikurezza u l-benesseri taċ-ċittadini tal-UE u r-reżiljenza tas-soċjetajiet Ewropej; JINNOTA r-rwol tal-Kummissjoni, l-Aġenzija tal-UE għall-Programm Spazjali, l-Aġenzija Spazjali Ewropea u entitajiet fdati oħra li jimplimentaw Copernicus, fosthom l-Organizzazzjoni Ewropea għall-Esplojtazzjoni ta' Satelliti Meteoroloġiċi, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, il-Frontex, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, iċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea u ċ-Ċentru Ewropew għall-Previżjonijiet Meteoroloġiċi fuq Perjodu Medju u Mercator Ocean International, kif ukoll tal-operatori nazzjonali, fl-appoġġ mogħti lill-Istati Membri fl-ipproċessar, l-analiżi u d-distribuzzjoni ta' din id-data, billi jipprovdu riċerkaturi, persuni li jfasslu l-politika u industrij b'għarfien azzjonabbli biex jittieħdu deċiżjonijiet infurmati f'sitwazzjonijiet ta' importanza kbira;

12. JISTENNA B'INTERESS l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-Att dwar l-IA⁶ rigward soluzzjonijiet tal-IA fl-analiżi tad-data satellitari, b'mod partikolari aderenza rigoruża mal-istandards tal-privatezza u tas-sigurtà tad-data; f'dan il-kuntest, JISSOTTOLINJA li s-soluzzjonijiet tal-IA jridu jkunu soġġetti għal qafas regolatorju rigoruż, inkluż ittestjar, evalwazzjoni u validazzjoni biex jiġu żgurati l-affidabbiltà, il-preċiżjoni u l-effettività operazzjonali f'applikazzjonijiet ta' maniġġar ta' kriżijiet, pereżempju biex tiġi ssalvagwardata l-integrità tad-data fid-dawl ta' theddid emerġenti bħal immaġnijiet ġeografiċi deepfake;

IV. Sfidi u rakkomandazzjonijiet

13. JISSOTTOLINJA li, waqt li tkun qed tiġi żviluppata infrastruttura tad-data satellitari, huwa importanti li jiġi żgurat li din tiġi integrata fis-sistemi eżistenti jew tkun interoperabbli magħhom, u li jintużaw formati tad-data u proċeduri ta' skambju standardizzati, peress li l-użu effettiv tad-data satellitari jiddependi mill-interoperabbiltà bejn is-sistemi tal-Unjoni u tal-Istati Membri u riżorsi komuni aċċessibbli; għalhekk, JIRRAKKOMANDA li l-Istati Membri rilevanti jużaw il-parametri referenzjarji u l-istandards eżistenti u, jekk ikun meħtieġ, jistabbilixxu standards unifikati u inizjattivi ta' appoġġ li jkollhom l-għan li jarmonizzaw il-proċeduri filwaqt li jtejb u l-aċċessibbiltà u l-użu tal-outputs tad-data spazjali fl-Unjoni kollha;
14. JISĦAQ fuq l-importanza li s-sistemi ta' ġbir u pproċessar tad-data satellitari jiġu protetti mit-theddid ċibernetiku biex tiġi ssalvagwardata l-infrastruttura kritika u jiġu żgurati d-disponibbiltà u l-integrità tad-data u l-kontinwità tal-aċċess għad-data, u JAPPELLA biex jiġu implimentati soluzzjonijiet li jtejb u s-sigurtà ta' data sensittiva u jissorveljaw b'mod attiv ir-riskji potenzjali biex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-inċidenti jew l-attakki possibbli, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti tal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar iċ-ċibersigurtà kif applikabbli għas-settur spazjali, fosthom id-Direttiva NIS 2⁷;

⁶ Ir-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139 u (UE) 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali), ĠU L 144, 12.7.2024, p. 1.

⁷ Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (Direttiva NIS 2), ĠU L 333, 27.12.2022, p. 80.

15. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-attivitajiet ta' riċerka, żvilupp u taħriġ tas-sistema tad-dinja (ġeosfera, bijosfera, krijosfera, idrosfera u atmosfera) fit-teknoloġiji avvanzati, bħall-ipproċessar tal-big data, l-integrazzjoni tad-data satellitari u mill-ajru, it-tagħlim awtomatiku, u l-immudellar predittiv biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-IA biex jitjiebu r-reżiljenza u l-effiċjenza fl-analiżi tad-data satellitari u jsir użu sħiħ mill-kapaċitajiet tal-informatika bi prestazzjoni għolja u mill-fabbriki tal-IA biex jingħata appoġġ lil intrapriżi start-up u SMEs fl-iżvilupp ta' applikazzjonijiet li jużaw data ta' osservazzjoni tad-dinja; JINNOTA li avvanzi fl-għarfien dwar il-każi ta' użu tad-data satellitari, u fl-edukazzjoni dwarhom, ser iżidu l-użu mill-partijiet ikkonċernati rilevanti u JISĦAQ fuq il-ħtieġa li tiġi sfruttata l-kollaborazzjoni bejn is-settur privat, id-dinja akkademika u l-industrija biex tiġi mmotivata l-innovazzjoni f'soluzzjonijiet li jtejb u r-reżiljenza u jippromwovu d-domanda għad-data satellitari ta' osservazzjoni tad-dinja;

V. Il-passi li jmiss

16. JIRRIKONOXXI l-importanza ta' użu koordinat tad-data satellitari, speċjalment minn kostellazzjonijiet pubbliċi u privati ta' osservazzjoni tad-dinja, u r-rwol ta' dan l-użu biex jitnaqqsu d-diskrepanzi fl-informazzjoni dwar id-dinja; JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaħdmu favur dan l-approċċ f'azzjonijiet li għaddejjin bħalissa u li għadhom ġejjin, billi dan ser jappoġġa b'mod sinifikanti r-reżiljenza u l-isforzi ta' tisħiħ tal-preparatezza fis-sigurtà u l-maniġġar ta' kriżijiet, u b'hekk itejjeb il-protezzjoni taċ-ċittadini tal-UE, kif ukoll irawwem l-interoperabbiltà u l-kompetittività tal-operaturi Ewropej;
17. JILQA' TAJJEB l-integrazzjoni tal-IA li għaddejjja bħalissa, inkluż it-tagħlim awtomatiku u l-ipproċessar tad-data abbord, biex ikun jista' jsir ipproċessar tad-data aktar effiċjenti u jissaħħu l-kapaċitajiet ta' tbassir, li huwa essenzjali minħabba l-għadd dejjem jikber ta' sfidi u riskji b'impatti kemm Ewropej kif ukoll globali;
18. JENFASIZZA l-importanza li tiġi appoġġata infrastruttura satellitari interoperabbli għall-kondiviżjoni tad-data, jiġu stabbiliti standards komuni li jippermettu l-integrazzjoni tad-data u s-servizzi minn inizjattivi kummerċjali, nazzjonali u fil-livell tal-UE, u tiġi żgurata l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' ċibersigurtà robusti u bbażati fuq ir-riskju, u JQIS li dawn il-konklużjonijiet huma pass kritiku favur it-tisħiħ tar-reżiljenza, il-preparatezza, is-sigurtà u l-istabbiltà fl-Ewropa kollha u t-titjib tal-maniġġar effettiv ta' kriżijiet filwaqt li jiġu rispettati d-drittijiet taċ-ċittadini u tiġi żgurata l-protezzjoni tad-data.